

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0020/2008

29.1.2008

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent (Verżjoni kkodifikata)
(COM(2007)0667 – C6-0397/2007 – 2007/0235(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Francesco Enrico Speroni

(Kodifikazzjoni – Artikolu 80 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
ANNESSE.....	6
PROĊEDURA	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent (Verżjoni kkodifikata)
(COM(2007)0667 – C6-0397/2007 – 2007/0235(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0667),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0397/2007),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi legiżlattivi¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0020/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif ġiet adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-pożizzjoni tal-Parlament;

¹ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

ANNEX

Brussell, 28.11.2007

Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent (Verżjoni kkodifikata)

COM(2007)0667 tal-31.10.2007 – 2007/0235/COD

Wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġislattivi, u b'mod partikulari l-punt 4 tagħha, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li jikkonsisti mis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, iltaqa' fl-14 ta' Novembru 2007 bl-iskop li jeżamina l-proposta li ssemmiet qabel, li tressqet mill-Kummissjoni.

Wara din il-laqgħa, saret evalwazzjoni tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkodifika r-Regolament tal-Kunsill (KEEC) Nru 1210/90 tas-7 Mejju 1990 dwar l-istabbiliment ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent, u bħala riżultat ta' dan il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, bi qbil komuni, stabbilixxa dan li ġej.

1. Fit-titolu ta' l-att, il-kliem "*the establishment of*" għandu jitneħħa. B'konsegwenza ta' din l-adattazzjoni, it-titolu jinqara "*Proposal for a regulation of the European Parliament and of the Council on the European Environment Agency and the European Environment Information and Observation Network*".
2. Fl-Artikolu 1(1), il-kelma "*establishes*" għandha tiġi mibdula mal-kliem "*provides for*".
3. Fl-Artikolu 4(4), bejn il-kliem "*Member States may also*" u "*identify the institutions*", għandu jiddaħħal il-kliem "*by 30 April 1994*" (dan il-kliem għandu jidher bejn żewġ kommas).

B'konsegwenza, l-evalwazzjoni tal-proposta ppermettiet lill-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, mingħajr nuqqas ta' qbil, li l-proposta hija kodifikazzjoni ċara tat-testi eżistenti, mingħajr bidla fis-sustanza tagħhom.

C. PENNERA
Jurisconsult

J.-C. PIRIS
Jurisconsult

M. PETITE
Direttur Ġenerali

PROĊEDURA

Titolu	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent (Verżjoni kkodifikata)
Referenzi	COM(2007)0667 – C6-0397/2007 – 2007/0235(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	31.10.2007
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 13.11.2007
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Francesco Enrico Speroni 13.12.2007
Data ta' l-adozzjoni	22.1.2008